Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 14/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post – Online, Zoom '

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Skużat |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Skużat |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**14. 1 Ittri ta' Apoloġija**

14.1.1Il-President irringrazzja lil dawk kollha li setgħu jattendu għal-laqgħa. Il-President talab sabiex is-Sur Agius u is-Sur Abela Galea ikunu skużati mil-laqgħa minħabba impennji personalli. Semma li s-Sur John Boxall ma nfurmax li mhux ser jattendi u għaldaqstant jiġi mmarkt bħala assenti.

14.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Dominic Grima, il-kumitat qabel ma' dak propost.

**14.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.13**

14.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 13 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vincent Borg, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**14.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 13**

**14.3.1 Ħaddiema RSSL**

Il-President semma li l-ħaddiema tal-kostruzzjoni qegħdin assenjati mal-Kunsilli Lokali sa Jannar 2023. Semma li jekk

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

hemm Kunsilli Lokali jixtiequ jaħdmu xi xgħolijiet tal-ħadid jinfurmawh ħalli jkun jista' jibgħat l-grupp l-ieħor.
Semma li f' Jannar 2023 il-grupp li jaħdem fuq il-kostruzzjoni ser ikun il-Kalkara u l-Fgura filwaqt li f' Diċembru ser ikunu ġewwa Bormla u l-Fgura.

**14.3.2 Sejħa għal ġbir tal-iskart**

Il-President semma li s-sejħa ġiet evalwata u kienet tinstab fi standstill period. Is-Sindki preżenti semmew li jħossu nuqqas ta' ċertezza dwar dak li għaddej fuq din il-materja peress li huma jħossu li ftit li xejn kienu ikkonsultati kif ukoll m' għandhomx informazzjoni dwar l-offerti li nxteħtu u min potenzjalment jista' jkun il-kuntrattur il-ġdid.
Is-Sur Wayne Aquilina semma li dan huwa proġett nazzjanali u għaldaqstant issa wieħed għandu jikkopera sabiex dan jiġi implimentat b' suċċess. Semma wkoll li għandu jkun enfasizzat sabiex ir-Reġjuni kollha jibdew dan il-proġett lkoll flimkien. Semma li hemm bżonn li ssir ħidma b' saħħitha fuq bażi Nazzjonali sabiex ikun hemm kampanja informattiva fuq l-iskeda l-ġdida.

**14.3.3 Konsultazzjoni – Strateġija għall-Gvern Lokali**

Il-President semma li r-Reġjun Port kien issottometta kopja tad-dkoument imħejji mir-Reġjun rigward l-istrateġija kemm lis-Segretarju Parlamentari kif ukoll lid-Direttur Ġenerali.
Il-President semma li jinstab sodisfatt bil-parteċipazzjoni tas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun Port.

**14.3.4 Deputat Reġistratur**

Il-President semma li sabiex it-Tribunal Żejtun jibqa' jopera kellha tkun mislufa waħda mir-Reġistraturi ta' Tribunal Qormi sabiex kun tista' taġixxi bħala Aġent Deputat Reġistratur.
Is-Segretarja semmiet li r-Reġjun kien ukoll mislug ħaddiema taħt l-iskema ta' RSSL sabiex tkun tista' tgħin fix-xogħol klerikali.

**14.3.4 Mandat ta' Inibizzjoni – Ex Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port**

Il-President semma li dakinhar filgħodu kien ser jinstema' l-każ imma s-seduta kellha tiġi diferita minħabba li skond il-Qorti, ir-Reġjun Port ma kienx notifikat. Semma li s-Segretarju E'ekuttiv kien ser jikkomunika mal-avukat peress li r-Reġjun vera ma rċiviex il-mandat imma xorta ħejja u ssottometta r-risposta tiegħu fil-ħin.
Is-seduta ġiet diferita għat-2 ta' Diċembru 2022.
L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttuv semma li kienu wkoll irċevew ittra mill-bank fejn kien hemm sekwestru ta' madwar €23,000 mill-istess ex-impjegata li hija qiegħda talludi li dawk huma dovuti lijlha f' salarji mit-tkeċċija tagħha sal-lum. Il-President semma li d-dokumenti kollha għaddew għand l-avukat.

Port Regional Council

Kunsill Reġjonali Port

**14.3.5 CrAFt cities – Horizon Europe**

Il-President semma li r-Reġjun beda l-parteċipazzjoni tiegħu f' dan il-proġett u li r-Reġjun qiegħed f' kuntatt mas-Sur Fabian Borg mill-Kunsill Lokali tal-Gżira.

14.3.6 Is-Sur Jorge Grech daħal għal-laqgħa fis-18:35

**14.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 11**

14.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vince Borg u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-21 t' Ottubru 2022 u s-17 ta' Novembru 2022 li kienet tammonta għall-€125,889.44.

**14.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Estimi Finanzjari għas-sena 2023**

14.5.1 Il-President ressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni rl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023. Ġie spejgat kif ir-Reġjun ma jidhirx li ser ikollu problema ta' fondi bħalma għaddejjin minnha uħud mir-Reġjuni li impjegaw is-sitt Uffiċjali Maniġerjali. Il-Kumitat qabel li m' għandux jagħġġel fl-ingaġġ ta' dawn l-Uffiċjali kollha għax jispiċċa bi sfidi finanzjarji wkoll. Għaldaqstant kien hemm qbil li r-Reġjun għandu jara l-esiġenzi tar-Reġjun u kien hemm qbil li għalissa jiġi impjegat biss Uffiċjali Maniġerjali fuq l-iskart.

14.5.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat approva unimament ir-rapport hekk kif preżentat.

**14.6 Komunikazzjoni oħra mill-President**

**14.6.1 Ħlas ta' skemi lill-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li f' din l-iskeda tal-pagamenti ser ikunu qed jagħddu pagamenti lill-Kunsilli Lokali relatati ma' skemi li kienu applikaw għalihom u ġew implimentati fis-sea 2021.

**14.6.2 Skema Latrini Awtomatiċi**

Il-President poġġa għall-approvazzjoni tal-Kumitat sabiex ir-Reġjun jibbenifika minn skema maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli Lokali jibbenifikaw minn fondi sabiex jirrinovaw latrini f' dawk awtomatiċi.

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, kien hemm qbil unanimu li r-Reġjun għandu jkun parti minn din l-iskema.

**14.7 Aġġornament**

14.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:45, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 20 ta' Diċembru 2022 fil-17:30 ġewwa l-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv